Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,064, 5 ta' Ġunju, 2023

Taqsima B

A.L. 116 tal-2023

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorita għat-Trasport f'Malta, il-Ministru responsabbli għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Vetturi bil-Mutur u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Vetturi bil-Mutur, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 65.22.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jittrasponu d-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2022/2407 tal-20 ta' Settembru 2022 li temenda l-Annessi tad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex jitqies il-progress xjentifiku u tekniku li jkun sar.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-tifsira "l-Anness A u l-Anness B mal-ADR" tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "mill-1 ta' Jannar 2021" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-1 ta' Jannar 2023".